MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 224/2012

**GasanMamo Insurance Limited**
**Vs**
**Joseph Gauci**

**It-Tribunal** ,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2012 fejn is-socjeta' attrici qalet illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,262.25) liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici assikurattiva u lill-attur Anthony Cassar in linea ta' danni rizultanti minn incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Dicembru, 2010 fil-limiti ta' Hal Qormi meta l-konvenut waqt li kien riekeb ziemel minhabba negligenza u traskuragni habat mal-vettura numru FBP 302 proprjeta tal-attur Anthony Cassar u kkaguna hsarat f'din il-istess vettura.

Bl-ispejjez komprizi dawktal-Ittra Ufficjali datata 4 ta' Jannar, 2012 kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Illi permezz ta’ risposta pprezentata fit-13 ta’ Apri,l 2012 il-konvenut eccepixxa illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt inkwantu l-incident li sehh fit-28 ta’ Dicembru, 2010 sehh kagun ta’ imperizja u traskuragni ta’ Anthony Cassar bil-vettura FBP 302 li ghalhekk ghandu jhallas il-hsarat ikkawzati lill-konvenut skond il-kontrotalba.

Fil-kontrotalba l-konvenut talab l-ammont ta’ elfejn mija u tlieta u disghin meta qal illi l-assikurat Anthony Cassar kkawza l-incident de quo bil-manuvra tieghu tant li dahal wara fuq ix-xarretta u z-ziemel kif premess f’ittra ufficjali u ghalhekk l-assikurazzjonighandha taghmel tajjeb in kwantu ghal mija u tlieta u disghin ewro (€193) valur tal-hsarat u elfejn ewro (€2,000) valur taz-zmiemel.

B’risposta ghal kontrotalba li giet ipprezentata fis-7 ta’ Mejju, 2012 s-socjeta' attrici eccepiet illi l-incident ma garax tort u htija ta’ Anthony Cassar u ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta’ danni lil Joseph Gauci, liema ammont kif reklamat huwa ghal kollox esagerat.

Xehdet Mary Grace Cassar, mart l-assikurat li qalet illi flimkien ma zewgha kienu fuq il-*lane* ta’ barra mac-*central strip* u fuq in-naha ta’ gewwa ftit il quddiem kien hemm iz-ziemel. Iz-ziemel f’daqqa wahda sfratta u dar fuq il-vettura tal-konjugi Cassar fuq in-naha ta’ wara. Wara li kkalma z-ziemel sidu offra erbgha mitt ewro (€400) lill-Anthony Cassar. Pero dan ma accettahomx peress illi huwa kien inxurjat *full* u ma kienx jaf kemm kienet ser tigi l-ispiza. Hawnhekk is-sid kien qal illi z-ziemel ma kien gralu xejn. Is-sid kien qal lill-konjugi Cassar illi z-ziemel kien ra karta ttir u sfratta pero x-xhud tghid illi ma ratx karti. Din ix-xhud ma kinitx taf jekk id-daqqa fuq il-vettura saritx mix-xarretta jew biz-ziemel. Mistoqsija in kontroezami jekk kienux huma li laqtu l-ewwel ix-xarretta x-xhud tichad li dan setgha kien.

Xehed Anthony Cassar li qal illi wara l-incident hu kien ghamel rapport , ghamel il-*claim* u sewwewlu l-hsarat mill-*insurance*. Ftit qabel l-incident dan ix-xhud qal illi hu kien qed isuq mac-*central strip* u z-ziemel kien qieghed mal-bankina. F’daqqa u l-hin iz-ziemel sfratta u nqaleb ghal fuq il-karrozza. Meta nizel biex jara l-hsarat sid iz-ziemel kien qallu li sfratta minhabba li ra xi karta. Dan ix-xhud ma rax karti.Qal ukoll illi gie offrut erbgha mitt ewro (€400) minn sid iz-ziemel pero ma accettahomx. Ir-rapport

sar l-ghada tal-incident peress illi z-ziemel kein ghadu sfrattat.

Xehed Joseph Gauci li qal illi kien hareg bil-poni tieghu li spjegah bhala poni rett u mdorri fit-traffiku u ma jibzax. Waqt illi kien qed isuq mal-bankina hass daqqa gol-furketta tax-xarretta u sfrattalu l-poni. Hu qal illi malli l-karrozza laqtet ix-xarretta l-poni dar u mesah mal-karrozza, tant illi kellu saqajh suwed imma demm ma kellux. Ix-xhud spjega illi l-mija u tlieta u disghin ewro (€193) huma hsarat fl-ingenji u x-xarretta filwaqt illi l-elfejn ewro (€2000) qed jitlobhom peress illi minkejja l-poni ma mietx dan ma ghadux tajjeb biex jintrama fit-triq u allura ha jkollu jzommu bhala pet. Il-poni hu xtrah erbgha mitt lira maltija (Lm400) pero xtrah zghir u ma tkunx taf x'hareg. Iz-ziemel hareg tajjeb u filfatt anki rebah tigrijiet u ghalhekk zdiedlu l-valur.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda, jsibha difficli sabiex jemmen il-verzjoni tal-konvenut illi kienet il-karrozza li laqtet ix-xarretta fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin u dan ghal fatt illi kieku z-ziemel ha dik it-tip ta' daqqa kien idur ghal gol-hajt u mhux idur f'distanza daqshekk qasira u jidhol fil-karrozza li laqtitu. Id-distanza biex fiha jdur ziemel u jaghmel hsara fil-karrozza waqt li din kienet tant vicin tieghu li laqtitu ma jregix.

It-Tribunal aktar jara veracita fil-mod kif il-konjugi Cassar spjegaw il-fatti kif graw.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici pero arbitro in viri jnaqqas l-ammont ta' mija u tlieta u disghin ewro (€193) spejjez tal-ingenji li hallas il-konvenut. Fil-kumplament jichad l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenut u ghalhekk jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta' elf u disgha u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,069.25) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Il-kawza tibqa bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------